MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Numru. 126/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Charles Paul Muscat**

Kaz Numru: 126/2013

Illum 4 ta' Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Charles Paul Muscat**, bin Saviour u Frances neé Galea, imwieled fl-10 ta' Frar 1983, residenti fil-fond Ankra Court, Ground Floor, Triq ir-

Rancis, Xlendi, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 4583(G), akkuzat talli nhar il-5 ta' Marzu 2013 ghall-habta ta' 16:42hrs fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex:

1. saq vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni BON 114 tal-ghamla Fiat b'manjiera traskurata, bla kont u b'mod perikoluz.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li s-sewqan tal-imputat kien wiehed b'manjiera bla kont u b'mod perikoluz, u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minn sewqan bla kont u b'mod perikoluz. Mhux l-istess jista' jinghad ghal sewqan b'manjiera traskurata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati talli dakinhar tal-5 ta' Marzu 2013 saq b'manjiera traskurata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwa qt li tillibera lill-imputat minn dik il-parti tal-imputazzjoni fejn huwa gie akkuzat li kien qed isuq b'manjiera bla kont u b'mod perikoluz, wara li rat

Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Charles Paul Muscat hati ta' dik il-parti tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu fejn huwa gie akkuzat li kien qed isuq b'manjiera traskurata u tikkundannah multa ta' mija u hamsa u ghoxrin Euro (€ 125.00). Finalment, il-Qorti tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tmint'ijiem li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------